MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-6 ta' Frar, 2004

Ċitazzjoni Numru. 1566/1999/1

***Atlas Insurance Agency Limited* bħala aġent f'Malta tas-soċjetà estera *Guardian Royal Exchange p.l.c.*, illum jisimha *AXA Insurance p.l.c.*, u kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat tagħha *Toolkit (Wholesale) Limited*, abbażi tal-polza t'asikurazzjoni u tal-liġi**

***Versus***

***Sea Malta Company Limited* bħala operatur tal-*bonded stores* u *Miles Express Cargo Systems Limited* bħala aġent f'Malta tal-vapur *Wester Till***

Din il-kawża hija dwar telf u ħsara f'merkanzija.
Iċ-ċitazzjoni tgħid illi s-soċjetà *Toolkit (Wholesale) Limited*, li hija assikurata mas-soċjetà attriċi, kienet importat f'Malta minn Shanghai tliet mija u tlieta u erbgħin (343) kaxxa mimlija għodda, li kienu stivati f'*container*. Fil-port ta' La Spezia, fl-Italja, din il-merkanzija kienet tgħabbiet fuq il-bastiment *Wester Till*, proprjetà tas-soċjetà estera *Combinar & Agemar s.r.l.*, u rappreżentat f'Malta mis-

soċjetà konvenuta *Miles Express Cargo Systems Limited*, sabiex hekk tinġieb Malta, fejn waslet fit-30 ta' Ġunju 1998, u nġarret u nħażnet fil-*bonded stores* tas-soċjetà konvenuta *Sea Malta Company Limited*.

Meta, wara, l-importatriċi ħadet il-merkanzija sabet illi, minn tliet mija u tlieta u erbgħin (343) kaxxa, kien hemm ħamsa u għoxrin (25) nieqsa u ħmistax (15) bil-ħsara. Is-soċjetà attriċi għamlet tajjeb għall-ħsara taħt il-polza t'assikurazzjoni, u ħallset elf, erba' mija u tnax-il lira u sittin ċenteżmu (Lm1,412.60) — magħduda wkoll mitt lira (Lm100) spejjeż biex sar *survey* — lill-assikurata, li issurrogatha fil-jeddijiet tagħha kontra l-konvenuti.

Billi qiegħda tgħid illi għall-ħsara u t-telf jaħtu l-konvenuti, jew xi waħda minnhom, is-soċjetà attriċi fetħet din il-kawża u qiegħda titlob illi l-qorti:

1. tgħid illi l-konvenuti jaħtu, jew tgħid min minnhom jaħti, għat-telf u l-ħsara fil-merkanzija;
2. tillikwida d-danni li għalihom għamlet tajjeb is-soċjetà attriċi fis-somma ta' elf, tliet mija u tnax-il lira u sittin ċenteżmu (Lm1,312.60), jew somma aktar preċiża, u mitt lira (Lm100) bħala *survey fees*, b'kollox elf, erba' mija u tnax-il lira u sittin ċenteżmu (Lm1,412.60); u
3. tikkundanna lill-konvenuti, jew lil min minnhom jaħti, iħallsu lis-soċjetà attriċi elf, erba' mija u tnax-il lira u sittin ċenteżmu (Lm1,412.60), jew somma aktar preċiża, flimkien ma' l-imgħax minn meta sar il-ħlas, u l-ispejjeż, fosthom għoxrin lira (Lm20) tal-konsult.

Is-soċjetà konvenuta *Sea Malta Company Limited* ġ"l-ewwel konvenuta"ħ ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

1. it-talbiet tas-soċjetà attriċi "la huma fondati fil-fatt u lanqas fid-dritt";
2. il-klawsola t'eżoneru fil-polza tal-kariku teħlisha mir-responsabbiltà għad-danni;
3. hi ikkonsenjat mill-imħażen tagħha dak li kien konsenjat lilha u fl-istat li fih kien konsenjat lilha;
4. l-azzjoni waqgħet b'dekadenza sena wara li l-bastiment wasal Malta.

Is-soċjetà konvenuta l-oħra, *Miles Express Cargo Systems Ltd* ġ"it-tieni konvenuta"ħ, ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

1. ma hijiex kontradittriċi leġittima għax ma hijiex aġent f'Malta tal-bastiment *Wester Till*;

2. ma taħtix għat-telf u l-ħsarat fil-merkanzija; u
3. jekk għandha xi responsabbiltà, din hija limitata skond il-polza ta' karku u skond il-liġijiet u konvenzjonijiet internazzjonali dwar il-ġarr ta' merkanzija bil-baħar.

Il-fatti li wasslu għal din il-kawża ġraw hekk:

Is-soċjetà *Toolkit (Wholesale) Ltd* kienet importat tliet mija u tlieta u erbgħin (343) kaxxa mimlija għodda, li kienu stivati fi *groupage container*. Din il-merkanzija kienet inġarret minn Shanghai lejn Hong Kong, u minn hemm lejn La Spezia, fejn kienet trasbordata għal fuq il-bastiment *Wester Till* biex tinġieb Malta, fejn waslet fit-3 ta' Lulju 1998[1]. It-tieni konvenuta kellha struzzjonijiet mix-*shipper*, is-soċjetà *Combimar & Agemar s.r.l.*, biex tirċievi l-konsenja, u din iddelegat lill-ewwel konvenuta sabiex twassal il-merkanzija sal-*bonded stores* operati mill-ewwel konvenuta sabiex hemm jinħatt il-*container* u jsiru l-proċeduri tad-dwana. Meta mbagħad il-merkanzija ngħatat lill-importatur instab illi kien hemm nuqqasijijiet u ħsara. Is-soċjetà attriċi bħala assikuratriċi ħallset elf, erba' mija u tnax-il lira u sittin ċenteżmu (Lm1,412.60) għal dawn in-nuqqasijiet u ħsara u biex sar *survey*.

Il-kawża tallum infetħet fl-1 ta' Lulju 1999, anqas minn sena wara l-wasla tal-bastiment f'Malta fit-3 ta' Lulju 1998; l-eċċezzjoni ta' dekadenza hija għalhekk miċħuda.

Ma hux kontestat illi l-merkanzija li ddaħħlet fil-*bonded stores* kienet taqbel ma' dak muri fil-polza ta' kariku, għalkemm, meta mbagħad inħarġet u ngħatat lill-importatur instabu nuqqasijiet u ħsara. Għalhekk in-nuqqasijiet u l-ħsara ġraw waqt illi l-merkanzija kienet fil-*bonded stores* ta' l-ewwel konvenuta. Fuq dawn il-fatti, it-tieni konvenuta argumentat hekk fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħha:

… … … mill-provi prodotti jidher li l-importatur sofra nuqqasijiet fil-merkanzija. Jidher li l-għadd tal-merkanzija mgħobbija fil-*container* kienet taqbel ma' dik skarikata fil-*bonded stores* operati mis-*Sea Malta Company Limited*. Però l-għadd tal-merkanzija skarikata ma taqbilx ma' l-ammont ta' merkanzija li rtira r-riċevitur mingħand is-*Sea Malta Company Limited*. Dan ifisser *per conseguenza* illi

1 *Fol.* 47.

s-*Sea Malta Company Limited* taħti għan-nuqqasijiet reklamati mis-soċjetà attriċi.

Il-konklużjoni hija tajba; li ma hix qiegħda tqis it-tieni konvenuta, iżda, hu illi l-ewwel konvenuta kienet delegata minnha u għalhekk it-tieni konvenuta twieġeb ukoll għan-nuqqasijiet u l-ħtijiet tad-delegat tagħha, billi ma tistax teħles mir-responsabbiltà billi tiddelegaha lil ħaddieħor. Għalhekk iż-żewġ konvenuti jwieġbu għat-telf: l-ewwel waħda għax il-ħsarat u n-nuqqasijiet ġraw waqt li l-merkanzija kienet f'idejha, u t-tieni konvenuta għax l-ewwel konvenuta kienet delegata tagħha.

It-tieni konvenuta qalet, iżda, li ma hix kontradittriċi leġittima għax ma tirrappreżentax lill-bastiment.

Billi t-tieni konvenuta kienet imqabbda biex tieħu ħsieb tirċievi l-konsenja tal-merkanzija minn fuq il-bastiment, u t-telf seħħ fil-fażi ta' l-operazzjonijiet li kienu r-responsabbiltà tagħha, it-tieni konvenuta ma tistax tgħid illi ma hix kontradittriċi leġittima għax ma hix aġent tal-bastiment: għal dawk l-operazjonijiet li huma relevanti għall-għanijiet tal-kawża, kienet tirrappreżenta l-bastiment u għalhekk kienet imħarrka sew.

Fadal il-kwistjoni tal-limitazzjoni tar-responsabbiltà. Iż-żewġ konvenuti jgħidu illi fil-polza ta' kariku hemm patt ta' eżoneru. Fil-kopji tal-poloz esebiti fl-atti, iżda, ma hemm ebda patt bħal dak.

L-eċċezzjoni tat-tieni konvenuta ssemmi wkoll liġijiet u konvenzjonijiet internazzjonali dwar il-ġarr ta' merkanzija bil-baħar. Jekk din ir-referenza hija għall-*Hague-Visby Rules*, billi l-polza ta' kariku nħarġet fl-Italja, li hija parti għall-konvenzjoni, il-limitazzjonijiet ta' responsabbiltà hemm stipulati ma jgħoddux għall-każ tallum għax igħoddu biss fil-każ ta' ġarr ta' merkanzija bil-baħar, u, skond l-Art. I(e), "*'Carriage of goods' covers the period from the time when the goods are loaded on to the time they are discharged from the ship*", waqt illi, fil-każ tallum, rajna li t-telf seħħ wara li l-merkanzija tniżżlet mill-bastiment u ddaħħlet fil-*bonded stores*.

Din l-eċċezzjoni wkoll hija għalhekk miċħuda.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta' l-kawża billi, wara li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti, tgħid illi ż-żewġ konvenuti jaħtu għat-telf, tillikwida d-danni fis-somma ta' elf, erba' mija u tnax-il lira u sittin ċenteżmu (Lm1,412.60),

u tikkundanna liż-żewġ konvenuti flimkien iħallsu lis-soċjetà attriċi d-danni hekk likwidati flimkien ma’ l-imgħaxijiet u l-ispejjeż mitluba fiċ-ċitazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------